MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 339/2010/1

**Rikors maħluf numru 339/2010 JZM**

**V. Attard (Works) Limited**
**versus**
**St. Michael School Company Limited u Alfred Carabott, u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2010, St. Michael School Company Limited u Alfred Carabott ma għadhomx aktar parti f'din il-kawża, u l-konvenuta saret St. Michael Foundation for Education**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2011 li laqgħet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni minħabba klawsola arbitrali.

2. Is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas tal-bilanċ li tgħid li għandha tieħu mingħand il-konvenuta għal appalt. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet fost oħrajn:

i. illi l-ftehim bejn il-partijiet irid illi "*in case of a dispute arising between the Owner and the Contractor, the Architect's decision will be final and binding and without recourse to the Courts of Law*";

ii. illi l-perit inkarikat mill-proġett, wara li kejjel ix-xogħol u qies il-pretensjonijiet tal-attriċi, wasal għad-deċiżjoni – li ġiet komunikata lill-attriċi – illi l-konvenuta ma fadlilha tagħti xejn lill-attriċi; u

iii. id-deċiżjoni tal-perit hija finali u torbot lill-partijiet, u għalhekk "it-talbiet attriċi jaqgħu barra s-sindakabilità ġudizzjarja".

3. L-ewwel qorti laqgħet dawn it-tliet eċċezzjonijiet, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, u iddifferiet il-kawża "għall-kontinwazzjoni" wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Din il-kawża tittratta dwar kuntratt ta' appalt għal xogħlijiet estensivi li *V. Attard* kienet kontrattata sabiex teżegwixxi fi skola proprjetà tal-Fondazzjoni. Il-kuntratt, li kien aċċettat mill-partijiet fil-kawża, sar bil-miktub. Jirriżulta illi bejn il-partijiet kien pattwit li l-kuntratt isegwi l-mudell tal-*Federation Internationale des Ingenieurs-Conseil* (*FIDIC*). Fil-kuntratt kienu indikati mhux biss id-dettalji tax-xogħlijiet li *V. Attard* kellha teżegwixxi iżda wkoll il-prezzijiet tax-xogħlijiet skond il-kejl. Fil-kuntratt kien appuntat ukoll perit li, minbarra s-sorveljanza u l-konduzzjoni tax-xogħlijiet fuq is-sit, kellu wkoll is-setgħa tal-aħħar deċiżjoni fil-każ ta' tilwima bejn il-partijiet. Is-sentenza tal-lum tittratta proprju dan l-aspett tal-aħħar tal-ftehim bejn il-kontendenti.

«Il-klawsola in kwistjoni taqra hekk –

«*54. Architect's Decision*

«*In case of a dispute arising between the Owner and the Contractor, the Architect's decision will be final and binding and without any recourse to the Courts of Law.*

«Mhux kontestat li fil-każ tal-lum dwar tilwima li kienet inqalgħet bejn il-partijiet dwar jekk kienx għad hemm ammonti dovuti lil *V. Attard* skond it-termini tal-kuntratt, il-perit konċernat u *cioè* il-Perit Ian Zammit ikkonkluda li ma kienx hemm ammonti dovuti mill-Fondazzjoni anke wara li sema' l-ilmenti u l-veduti ta' *V. Attard*. Din tal-aħħar ikkontestat il-fehma tal-perit billi ppreżentat din l-azzjoni fejn talbet lill-Fondazzjoni sabiex tħallasha s-somma ta' €282,177.92 li skond *V. Attard* kien il-bilanċ li l-Fondazzjoni kellha tħallasha skond il-kuntratt ta' appalt.

«Għall-fini tas-sentenza tal-lum, il-Fondazzjoni qiegħda tgħid bl-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħha li din il-qorti hija prekluża milli tqis il-pretensjoni attriċi in vista tal-klawsola 54 tal-kuntratt fuq riferita. Il-Fondazzjoni ssostni l-Perit Zammit kejjel ix-xogħol u ħadem il-konteġġi skond ir-rati miftiehma bejn il-partijiet. Tgħid ukoll li l-Perit Zammit ħa d-deċiżjoni tiegħu wara li qies bir-reqqa l-pretensjonijiet ta' *V. Attard* u avża lil V. Attard bid-deċiżjoni tiegħu li kienet bħala fatt sfavorevoli għal *V. Attard*.

«… … …

«"*Architect*" huwa hekk definit fil-kuntratt –

«*Architect' means the firm André Zammit and Associates, or such other firm as may be appointed by the Employer and is notified by* [*recte, to*] *the Contractor, under whose direction and supervision, the works are to be carried out.*

«Għalkemm il-perit, li fil-każ tal-lum kien il-Perit Ian Zammit għal *André Zammit and Associates*, kien appuntat mill-Fondazzjoni, jirriżulta li ż-żewġ partijiet, inkluż *V. Attard*, aċċettaw li mhux biss ix-xogħlijiet jitmexxew taħt id-direzzjoni u superviżjoni tiegħu, mhux biss kellu l-inkariku li jagħmel il-kejl tax-xogħol ħalli jinħadem il-ħlas, iżda l-partijiet aċċettaw ukoll li l-Perit Zammit kellu jkun

ukoll l-aġġudikatur bejniethom fl-eventwalità li jinqala’ nuqqas ta’ qbil bejniethom speċifikament sabiex ma jkollhomx għalfejn jirrikorru għall-qrati. Dak tal-lum kien proprju każ fejn ma kienx hemm qbil dwar il-ħlas tax-xogħol tal-kuntrattur. Hekk kif ħarġet il-kwistjoni, il-Perit Ian Zammit ħa r-rwol ta’ aġġudikatur, żamm laqgħat, sema’ u qies l-ilmenti ta’ *V. Attard* u ddeċieda.

«… … …

«F’dan l-istadju allura s-setgħa ta’ din il-qorti huwa limitat għall-verifika ta’ jekk, fit-twettiq tal-inkariku li ngħata mill-partijiet li jiġġudika hu b’mod finali dwar tilwima ta’ bejniethom skond il-klawsola 54 tal-kuntratt, il-perit osservax il-prinċipji tal-ġustizzja naturali li huma bażilari fi *due process.* Fil-każ tal-lum, *V. Attard* tallega li fil-konfront tagħha sar ksur tal-prinċipju *audi alteram partem* għaliex tgħid li ma ngħatatx l-opportunità li tressaq rapport ta’ perit ieħor li sar fuq inkariku tagħha.

«Din il-qorti tosserva li sakemm il-Perit Ian Zammit ta d-deċiżjoni tiegħu skond il-klawsola 54, ħadd mill-partijiet ma kellu dubju dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħu. … … …

«… … …

«Il-punt ta’ kontestazzjoni kienet id-deċiżjoni tal-Perit Zammit dwar il-kont. Irriżulta li saru inkontri fejn il-Perit Zammit sema’ l-ilmenti ta’ *V. Attard* u tahom konsiderazzjoni. Wara li sabet li r-rapport tal-Perit Zammit kien sfavorevoli għaliha, *V. Attard* ħatret perit *ex parte,* il-Perit John Papagiorcopulo li jidher li kien preżenti għal xi inkontri. Vincent Attard ikompli jixhed illi l-Perit Zammit kien aċċetta li joħroġ rapport ieħor wara l-ewwel wieħed li kien ħareġ iżda dan ir-rapport qatt ma ħareġ. … … …

«… … …

«*V. Attard* qiegħda tgħid li kien hemm ksur tal-prinċipju *audi alteram partem* għall-preġudizzju tagħha abbażi tal-fatt illi l-Perit Zammit ma qiesx ir-rapport tal-Perit

Papagiorcopulo. Però din l-qorti tosserva illi dak ir-rapport qatt ma ġie preżentat lill-Perit Zammit.

«Wara li qieset l-assjem tal-provi, din il-qorti tgħid li l-Perit Ian Zammit mexa b'ġustizzja fl-għoti tad-deċiżjoni finali tiegħu. *Inoltre* anke li kieku r-rapport tal-Perit Papagiorcopulo nġieb għall-attenzjoni tal-Perit Zammit, ir-rwol tal-Perit Zammit bħala ġudikatur kien li jqis it-tilwima, iqis il-fehma taż-żewġ partijiet, u jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Din il-qorti ma tara xejn x'tiċċensura fl-operat tal-Perit Zammit bħala ġudikatur tat-tilwima bejn il-partijiet.»

4. Is-soċjetà attriċi talbet fakoltà tappella mis-sentenza taħt l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u, wara li din il-fakoltà ngħatatilha b'dikriet tal-24 ta' Jannar 2012, ressqet appell b'rikors tad-9 ta' Frar 2012.

5. L-aggravju essenzjalment huwa illi d-deċiżjoni tal-Perit Ian Zammit ma tiswiex bħala *lodo* arbitrali għal dawn ir-raġunijiet:

i. għax il-Perit Zammit ma nħatarx legalment bħala arbitru;

ii. għax l-arbitraġġ ma sarx kif igħid u jrid l-Att dwar l-Arbitraġġ;

iii. għax il-Perit Zammit ma mexiex kif iridu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

iv. għax huwa illegali illi "arbitru ma jkunx distint minn entrambi mill-partijiet fil-ftehim ta' arbitraġġ";

v. għax il-ħatra tad-ditta *André Zammit and Associates* bħala arbitru ma tiswiex għax dik id-ditta ma għandhiex personalità ġuridika;

vi. għax il-ħatra tad-ditta *André Zammit and Associates* bħala arbitru ma tiswiex ukoll għax korpi morali ma jistgħux jinħatru bħala arbitri;

vii. għax il-Perit Zammit iddelega mingħajr awtorità d-dmirijiet tiegħu; u

viii. għax il-Perit Zammit ma qediex l-inkarigu tiegħu kif trid il-liġi.

6. Il-konvenuta wieġbet għall-appell fil-5 ta' Marzu 2012. Ressqet ir-raġunijiet għala fil-fehma tagħha l-appell għandu jiġi miċħud u ressqet ukoll appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza li iddifferiet il-kawża "għall-kontinwazzjoni" billi, fil-fehma tagħha, is-sentenza li minnha sar l-appell ma kinitx sentenza *in parte* iżda

qatgħet il-kawża kollha li għalhekk ma tistax titkompla quddiem l-ewwel qorti.

7. Il-konvenuta ressqet ukoll eċċezzjoni preliminari illi r-rikors tal-appell sar mill-attriċi wara li għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi għalhekk u ma jiswiex. Billi din l-eċċezzjoni tolqot radikalment il-validità tal-appell (u wkoll tal-appell inċidentali li jiddependi minnu) il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni.

8. Il-kwistjoni hija jekk is-sentenza appellata hijiex waħda li taqta' l-kawża kollha fl-ewwel grad – u f'dan il-każ l-appell sar tard għax kien imissu sar fi żmien għoxrin jum minn meta ngħatat – jew hijiex waħda li taqta' biss uħud mill-kwistjonijiet tal-kawża u għalhekk tistenna sentenza oħra warajha – u f'dan il-każ l-appell sar sew għax l-għoxrin jum bdew igħaddu mhux minn dakinhar tas-sentenza iżda minn dakinhar li ngħata d-dikriet li ta lill-attriċi s-setgħa li tappella mis-sentenza.

9. Fis-sustanza, is-sentenza appellata taqta' l-meritu kollu fl-ewwel grad għax, ladarba l-ewwel qorti sabet li ma kellhiex ġurisdizzjoni, ma tistax tkompli tisma' l-kawża. Madankollu, l-ewwel qorti ma iddisponietx mit-talbiet tal-attriċi: fiċ-ċirkostanzi, ladarba sabet li ma kellhiex ġurisdizzjoni, setgħet biss teħles lill-konvenuta *ab observantia* tat-talbiet iżda dan ma għamlitux, preżumibilment għax id-differiment kien biss għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u mhux ukoll dwar it-talbiet tal-attriċi.

10. Kien għalhekk illi l-ewwel qorti iddifferiet il-kawża "għall-kontinwazzjoni": għalkemm id-deċiżjoni finali hija prevedibbli u inevitabbli – il-ħelsien *ab observantia* – madankollu ma ngħatatx, u għalhekk is-sentenza appellata ma tistax titqies finali fl-ewwel grad.

11. Għalhekk, ladarba l-kawża baqgħet fuq il-lista tal-ewwel qorti, l-attriċi ma setgħetx tressaq appell f'dan l-istadju jekk ma tkunx ingħatat fakoltà għalhekk mill-qorti li kellha l-kawża quddiemha u, għal din ir-raġuni, iż-żmien għall-appell ma setax jibda jgħaddi qabel ma tkun ingħatat dik il-fakoltà, kif igħid u jrid l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell hija għalhekk miċħuda.

12. Ngħaddu mela issa biex inqisu l-aggravju tal-attriċi dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Perit Zammit.

13. B’mod ġenerali, il-konvenuta wieġbet hekk dwar dan l-aggravju:
«L-aggravji tal-appellanti huma marbutin kollha kemm huma mal-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Perit Ian Zammit mhijiex valida, tant li l-appellanti tikkontesta din id-deċiżjoni (fil-korp tal-appell tagħha) billi tgħid li għandha titqies inattendibbli. Tajjeb li hawnhekk jiġi puntwalizzat li fil-kawża promossa mill-appellanti, definita bil-premessi u t-talbiet indikati fir-rikors ġuramentat, l-appellanti ma talbitx li d-deċiżjoni tal-Perit Ian Zammit, mittieħda skond it-termini tal-kuntratt tal-appalt maqbul u ffirmat mill-kontendenti f’din il-kawża, tiġi revokata. Minn kif inhuwa formulat ir-rikors ġuramentat ma hemmx dubju li l-mertu tal-kawża ma kinitx kontestazzjoni tad-deċiżjoni tal-Perit Ian Zammit għal waħda jew aktar mir-raġunijiet indikati fl-aggravji tal-appell. … … …»
14. Huwa minnu illi l-attriċi ma talbitx it-tħassir tad-deċiżjoni tal-perit. Madankollu, fl-eċċezzjonijiet tagħha li ntlaqgħu mill-ewwel qorti il-konvenuta ma qalitx biss illi din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni minħabba l-klawsola arbitrali: qalet ukoll, fit-tielet eċċezzjoni, illi “d-deċiżjoni tal-perit hija finali u torbot lill-partijiet”.
15. Dan ma kienx meħtieġ għall-għanijiet tas-sentenza dwar ġurisdizzjoni, iżda meta l-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni effettivament iddeċidiet mhux biss illi t-tilwima ma kellhiex tinġieb quddiem il-qorti iżda quddiem il-perit, iżda iddeċidiet ukoll illi l-perit ġà ta d-deċiżjoni tiegħu li torbot lill-partijiet. L-attriċi għandha interess tikkontesta din id-deċiżjoni għax, jekk le, tkun marbuta mhux biss li ma tistax tressaq il-pretensjoni tagħha quddiem il-qorti iżda tkun marbuta wkoll bid-dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tal-Perit Zammit tiswa u torbot. Min-naħa l-oħra, ukoll jekk jinstab illi t-tilwima ma kellhiex tinġieb quddiem il-qorti, jekk iseħħilha li tħassar id-deċiżjoni tal-Perit Zammit l-attriċi tkun tista’ terġa’ tressaqha quddiem arbitru sabiex tingħata deċiżjoni li tkun tiswa, ladarba fil-fehma tagħha d-deċiżjoni tal-Perit Zammit ma kinitx tiswa.
16. Il-qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-attriċi dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Perit u sejra tibda bit-tieni raġuni ta’ invalidità mressqa mill-attriċi, *viz.* illi l-arbitraġġ ma sarx kif igħid u jrid l-Att dwar Arbitraġġ [Kap. 387]. Dwar dan, il-konvenuta wieġbet hekk:

«Dan l-aggravju … … … jitlaq mill-premessa żbaliata li l-Perit Ian Zammit ġie maħtur *arbitru* u l-aġġudikazzjoni li għamel kienet *arbitraġġ.* Li kieku l-partijiet riedu li l-Perit ikun "arbitru" fit-termini tal-Att dwar l-Arbitraġġ, dan kellu jiġi stipulat permezz ta' klawsola arbitrali espressa li tkun tikkontjeni ftehim ta' arbitraġġ għaliex il-liġi tagħmilha *sine qua non* kondizzjoni inderogabbli li klawsola arbitrali tkun bil-miktub għaliex il-liġi trid tassikura li l-oġġett tal-kontroversja u l-adeżjoni tal-parti li l-kontroversja tiġi riżolta b'arbitraġġ tirriżulta minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza.

«Issa ma jirriżulta minn imkien li kien hemm tali ftehim u għalhekk l-Att dwar l-Arbitraġġ ma japplikax. Il-partijiet ma ftehmux fil-kuntratt t'appalt li jissottomettu għal arbitraġġ it-tilwimiet ta' bejniethom la b'mod espliċitu u lanqas b'mod impliċitu, u ladarba l-kuntratt huwa ċar japplika dak indikat fl-artikolu 1002 *et sequitur* [*recte, et sequentia*] tal-Kodiċi Ċivili fis-sens li la darba "l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".

«Kwindi, ladarba m'hemm imkien indikat fil-kuntratt t'appalt li l-partijiet kienu qed jirreferu t-tilwimiet għal arbitraġġ presjedut mill-Perit Ian Zammit u li dan tal-aħħar kellu jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu bħala "arbitru" fit-termini tal-Att imsemmi, ma kienx obbligat il-Perit Ian Zammit jaġixxi fit-termini tal-Att għax ma kienx ġie nominat taħt u lanqas regolat bl-Att imsemmi (kif tallega l-appellanti) sabiex id-deċizjoni tiegħu tkun valida u torbot lill-partijiet. L-aġġudikatur intgħażel minn qabel, bi qbil bejn il-partijiet, sabiex jiddeċiedi kwalsiasi kwistjoni u la kien marbut b'regoli li imponew il-partijiet fl-aġġudikazzjoni tiegħu, anqas u anqas bir-regoli tal-Att dwar l-Arbitraġġ li l-partijiet ma ftehmux li jiġu applikati.»

17. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-premessa tal-attriċi illi l-Perit Zammit inħatar bħala arbitru ma hija żbaljata xejn. It-tifsira ta' "ftehim ta' arbitraġġ" mogħtija fl-Att dwar l-Arbitraġġ[1] hija din:

1 Art. 7(1) tal-Mudell ta' Liġi mehmuż bħala l-Ewwel Skeda mal-Att.

«"Ftehim ta' arbitraġġ" huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu għal arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom għar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitraġġ jista' jkun fl-għamla ta' klawsola ta' arbitraġġ jew fl-għamla ta' ftehim separat.»

18. Fil-każ tallum il-partijiet ftiehmu illi jissottomettu għal arbitraġġ – *i.e.* għal deċiżjoni minn terza persuna li ma tkunx qorti, irrispettivament minn jekk tissejjaħx "arbitru" jew "aġġudikatur" jew b'xi isem ieħor – kull tilwima li tista' titnissel fir-relazzjoni legali definita ta' appalt li kellhom. Dan għamluh fil-patt imsemmi fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

19. La huwa hekk, biex tkun tiswa bħala *lodo* li jorbot lill-partijiet id-deċiżjoni tal-Perit Zammit kellha tittieħed wara proċess kif irid l-Att dwar l-Arbitraġġ. Il-konvenuta impliċitament tammetti li l-arbitraġġ ma sarx kif trid il-liġi: il-kontenzjoni tagħha hija li l-Att ma japplikax mhux li ġie segwit. Din il-kontenzjoni, kif rajna, hija żbaljata.

20. L-art. 17(1) tal-Att dwar Arbitraġġ igħid hekk:

«**17.** (1) Il-parti li tibda l-proċeduri ta' arbitraġġ għandha tippreżenta għand ir-reġistratur [taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta] avviż ta' arbitraġġ għal reġistrazzjoni għand iċ-Ċentru u sabiex dan jiġi notifikat lill-parti l-oħra u kull proċedura u kull deċiżjoni li tingħata wara bis-saħħa tagħhom f'xi arbitraġġ li għalih tirreferi din it-Taqsima [*viz.* arbitraġġ domestiku] għandhom ikunu nulli u bla ebda effett u mhux eżegwibbli jekk l-avviż ta' arbitraġġ relattiv ma jkunx ġie ppreżentat fiċ-Ċentru:

Iżda ma jkun hemm l-ebda nullità tal-proċeduri jekk, wara li tonqos milli tippreżenta l-avviż ta' arbitraġġ kif imfisser b'dan l-artikolu fil-bidu tal-proċedimenti, xi parti tippreżenta l-avviż f'xi żmien qabel tingħata d-deċiżjoni ta' arbitraġġ … … ... »

21. Ma huwiex kontestat illi l-avviż ta' arbitraġġ ma ngħatax, la fil-bidu tal-proċedimenti u lanqas f'xi żmien qabel ma ngħatat id-deċiżjoni ta' arbitraġġ. Il-liġi hija ċara dwar x'għandha tkun il-konsegwenza: id-deċiżjoni hija nulla u bla effett.

22. Dan ma jfissirx illi l-klawsola arbitrali fil-ftehim ta' appalt hija nulla u li l-qorti għalhekk għandha ġurisdizzjoni: ifisser biss illi d-deċiżjoni tal-Perit Zammit ma tiswiex u ma torbotx lill-partijiet, li għalhekk għadhom fl-i*status quo ante* ma ngħatat dik id-deċiżjoni.

23. Ladarba waslet għal din il-konklużjoni, lill-qorti ma jeħtiġilhiex li tqis ir-raġunijiet l-oħra mressqa mill-attriċi għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Perit Zammit.

24. Il-qorti għalhekk sejra tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fis-sens li l-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni minħabba fil-klawsola arbitrali, iżda tħassarha fejn laqgħet l-istess eċċezzjonijiet fis-sens illi d-deċiżjoni tal-perit hija finali u torbot lill-partijiet.

25. Ngħaddu issa biex inqisu l-appell inċidentali tal-konvenuta li trid illi l-qorti tħassar dik il-parti tas-sentenza illi iddifferiet il-kawża "għall-kontinwazzjoni". Il-konvenuta tgħid illi, wara li sabet li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża, l-ewwel qorti ma kien fadlilha xejn x'tisma', u kien imissha jew tiċħad it-talbiet tal-attriċi jew tiddikjara li ma kinitx sejra tqishom.

26. Is-soċjetà attriċi wieġbet illi l-appell inċidentali ma jiswiex, għax il-konvenuta ma setgħetx l-ewwel tressaq eċċezzjoni li l-appell ewlieni huwa null għax ġie preżentat tard u mbagħad tinqeda b'dak l-appell biex tressaq appell inċidentali.

27. Għalkemm huwa minnu illi, li kieku ntlaqgħet l-eċċezzjoni dwar in-nullità tal-appell ewlieni għar-raġuni mogħtija mill-konvenuta, l-appell inċidentali wkoll jaqa', dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda[2]: l-appell ewlieni jiswa u għalhekk ma hemmx ir-raġuni mressqa mill-attriċi għala għandu jaqa' l-appell inċidentali. L-eċċezzjoni ta' nullità hija għalhekk miċħuda.

28. Dwar il-meritu tal-appell inċidentali, din il-qorti ġà[3] osservat illi s-sentenza appellata ma kinitx waħda finali fl-ewwel grad, għax ma ngħata ebda provvediment dwar it-talbiet u kien għalhekk li l-kawża tħalliet "għall-kontinwazzjoni".

29. L-appell inċidentali huwa għalhekk miċħud.

---

[2] Para. 11 *supra*.

[3] Para. 9 *et seqq. supra*.

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell ewlieni billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fis-sens li l-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni minħabba fil-klawsola arbitrali, iżda tħassarha fejn laqgħet l-istess eċċezzjonijiet fis-sens illi d-deċiżjoni tal-perit hija finali u torbot lill-partijiet. Tiċħad l-appell inċidentali u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din teħles lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju.

31. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif tgħid is-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell ewlieni jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet; u l-ispejjeż tal-appell inċidentali tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------